# Il-Kelma ta' l-Arċipriet...

## *Sena parrokkjali għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ (44)*

In-nies li żaruna fil-jiem tal-Festa baqgħu milquta mill-mod edukat li bih iċċelebrajniha. U dan hu ta' ġieh kbir għalina meta l-festi huma taħt il-mira ta' kulħadd, speċjalment tal-medja li ġieli jkollha aġenda moħbija. L-organizzazzjoni u l-ordni ta' **festa kbira** bħal dik tagħna ma jsirux jekk mhux minn qlub li tassew iħobbu lill-Knisja, lill-parroċċa, lil San Ġużepp. Kull min rifes l-għatba tal-knisja ammira l-ġmiel, frott l-għaraq tagħna u ta' dawk ta' qabilna. Għall-grazzja t'Alla ħadd ma weġġa' imma ma nistgħux ngħidu li ħadd ma tweġġa'. Naħseb li stajna nużaw ftit iktar mogħdrija meta nafu x'impenn fiha l-Festa. Biex mit-tajjeb ngħaddu għall-aħjar diġa' saret laqgħa tal-kumitati kollha li jieħdu ħsiebha ħalli s-sena d-dieħla nifirħu iktar.

*Dun Joe Zammit*



## ĦOLQA MA' L-EMIGRANTI

Mal-40 anniversarju tal-inkurunazzjoni tal-kwadru titulari, ġiet fi tmiemha wkoll l-iskeda tal-Festa 2011 fuq **Radju Leħen il-Qala**. Iżda dan ma setax ikun possibli jekk mhux għal ħidma volontarja tal-amministrazzjoni u l-kru ta' RLQ li apparti t-38-il-ġurnata ta' skeda, qattew iljieli u xhur sħaħ bi preparazzjoni għal din l-iskeda u attivitajiet oħra relatati – il-maratona weekend ma' RLQ, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il sena mit-twaqqif tar-radju, il-*Prima Messa* ta' Dun Krystof Buttigieg, il-*launching* tal-website tar-radju www.radjulehenil-qala.com u l-installazzjoni ta' *camera* motorizzata fil-pjazza. Grazzi għal 'il fuq minn 90 persuna li jiffurmaw l-equipe tar-radju, rnexxilna ntellgħu xejn inqas minn 82-il programm differenti b'parteċipazzjoni ta' 3152-il persuna waqt il-programmi tal-kompetizzjoni bi kważi 100 parteċipant kuljum waqt il-*breakfast show*. F'temp ta' ġimgħa mill-*launching* tal-*website* tar-radju fl-1 t'Awwissu 2011, żaruha 353–il persuna differenti minn madwar 11-il pajjiż differenti – Malta, l-Istati Uniti, l-Awstralja, il-Kanada, l-Ingilterra, l-Italja, l-Awstrija, l-Olanda, il-Belġju u l-Ungerija. Irnexxilna nwasslu wkoll l-attivitajiet esterni tal-festa lill-emigranti tagħna minn lenti differenti fejn apparti l-kummentarju tagħna setgħu issa wkoll jaraw b'mod viżiv dak kollu li jkun qed jiġri permezz tal-*camera* ġdida li ġiet installata fil-pjazza tal-Qala u li ġġib wkoll l-inħawi viċin il-pjazza faċilment. Kellna domanda kbira u mhux mistennija fuq dan is-servizz ġdid li ser jitkompla tul is-sena kollha. It-tmiem ta' skeda għar-radju ma jfissirx it-tmiem tat-trasmissjoni fuq ir-radju. Ifisser biss li naqgħu fuq skeda ridotta iżda dan l-anqas ma jfisser li l-ħidma tieqaf. Veru li forsi nieħdu xi ftit tal-mistrieħ għal xi jiem mill-ħidma tagħna (dik li tidher), imma l-moħħ jibqa' jtektek fuq kif se nibqgħu ntejbu l-livell tal-programmi u tas-servizzi tagħna u nibdew inħejju għal skeda oħra.

## "Aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina" *(Mt 6:12) (Awwissu 2)*

Fil-jiem tal-Festa kien hemm xi *misunderstanding* dwar **rotot ta' xi marċijiet**. Nassigurawkom li dan kien żball ġenwin u għaldaqstant nitolbukom skuża u nwegħdukom li dan ma jerġax jiġri.

## Ir-Rebbieħa tal-Premijiet il-Kbar tal-iskeda Festa 2011 fuq RLQ

***L-Ewwel Post***: Comino *Cruise with meal* għal 2 persuni mal-Captain Morgan Cruises – Christoph Caruana. ***It-Tieni Post***: Harbour *Cruise* għal 2 persuni mal-Captain Morgan Cruises – Johan Cefai. ***It-Tielet Post***: Harbour *Cruise* għal 2 persuni mal-*English Rose Cruises* – Salvina Camilleri. ***Ir-Raba' Post***: Comino *Cruise* għal 2 persuni mal-*English Rose Cruises* – Mary Spiteri.

Infakkru li l-kompetizzjoni bonanza fuq RLQ ta' €100 mill-Arkadia nhar l-25 ta' Lulju 2011 intrebħet minn Josef Abela.

## *A message to our foreign friends*

Several have asked us the day we will hold the next **Gozo International Celebration**, *the 18th Edition, during Christmas time. The day will be Saturday 10th December. As usual, all are invited.*

## JISTA' JINTERESSAK...

- Dan is-Sibt adorazzjoni fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fil-5.30pm.
- Dan il-Ħadd, quddiesa fil-kappella tal-Madonna tal-Blat fil-5.00pm.
- It-Tnejn Sollennita' tat-Tlugħ ta' Marija fis-Sema. Orarju tal-quddies bħal nhar ta' Ħadd.
- Il-Ħadd bejn l-4.00pm u l-5.00pm, Adorazzjoni organizzata mix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

**Għal *Radju Leħen il-Qala***

Donazzjonijiet: 300 AUS$ (mill-Assoċċjazzjoni tal-Qala fl-Awstralja); 5000 US$ (mill-Assoċċjazzjoni tal-Qala fl-Amerika). Grazzi.